



Brussell, 2 ta' Ottubru 2019  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2019/0209(NLE)

---

12703/19  
ADD 1

PECHE 420

## PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ottubru 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 447 final ANNEX
Suġġett:	ANNESS li jakkumpanja I-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar I-iffirmar, f'isem I-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn I-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensijni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 447 final ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2019) 447 final ANNEX



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.10.2019  
COM(2019) 447 final

ANNEX

ANNESS

li jakkumpanja

**I-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Šhubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019

**ANNESS — Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019**

**A. ITTRA TAL-UNJONI EWROPEA**

Sinjuri,

Bi pjaċir nikkonfermalkom li aħna naqblu mal-arranġamenti interim li ġejjin biex niżguraw li jiġi estiż il-Protokoll li huwa fis-seħħ dal-ħin (mis-16 ta' Novembru 2015 sal-15 ta' Novembru 2019), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll”, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, sa ma jitlestew in-negożjati dwar it-tiġdid tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll.

F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania qablu dwar dan li ġej:

- (1) Mis-16 ta' Novembru 2019 jew minn kull data oħra wara d-data tal-iffirmar ta' dan l-iskambju ta' ittri, l-arranġamenti li kienu japplikaw fl-aħħar sena tal-Protokoll qed jiġu estiżi bl-istess kundizzjonijiet għal perjodu massimu ta' sena.
- (2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-aċċess tal-bastimenti għall-ilmijiet tal-Mauritania skont l-estensjoni se tkun tikkorrispondi għall-ammont annwali previst fl-Artikolu 2 tal-Protokoll hekk kif emendat mill-Kumitat Konġunt fil-15 u fis-16 ta' Novembru 2016<sup>1</sup>. Dan il-ħlas se jsir f'daqqa sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan l-iskambju ta' ittri.
- (3) L-appoġġ settorjali marbut ma' dan il-Ftehim ta' estensjoni jammonta għal EUR 4,125 miljun. Il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd se japprova l-iprogrammar marbut ma' dan l-ammont skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tal-Protokoll sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan l-iskambju ta' ittri. Il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3 tal-Protokoll marbutin mal-implementazzjoni u mal-pagamenti tal-appoġġ settorjali se jkunu japplikaw *mutatis mutandis*.
- (4) F'każ li n-negożjati biex jiġeddu l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu jwasslu biex dawn jiġu ffirmati u, b'hekk, biex dawn jidħlu fis-seħħ qabel jiskadi l-perjodu ta' sena stabbilit fil-punt 1 hawn fuq, il-pagamenti tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmijin fil-punti 2 u 3 hawn fuq se jitnaqqas *pro rata temporis*. L-ammont korrispondenti li jkun digħà tħallas se jitnaqqas mill-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja li tkun dovuta skont il-Protokoll il-ġidid.
- (5) Matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' estensjoni, il-liċenzi tas-sajd se jingħataw fil-limiti stabbiliti fil-Protokoll permezz ta' imposti jew ta' ħlasijiet bil-quddiem li se jkunu jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Appendiċi 1 tal-Anness 1 tal-Protokoll.
- (6) Dan l-iskambju ta' ittri se japplika b'mod provviżorju mis-16 ta' Novembru 2019 jew minn kull data oħra wara li jiġi ffirmat sa ma jidħol fis-seħħ. Huwa għandu

<sup>1</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/451 tal-14 ta' Marzu 2017 (ĠU L 69, 15.3.2017, p. 34).

jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.

Napprezza jekk tkunu tistgħu tavżawni li rċevejtu din l-ittra u li taqblu mal-kontenut tagħha.

Dejjem tagħkom,

*Għall-Unjoni Ewropea*

## B. ITTRA TAR-REPUBBLIKA IŻLAMIKA TAL-MAURITANIA

Sinjuri,

Bi pjaċir nikkonfermalkom li rċevejt l-ittra tagħkom tal-lum li tgħid dan li ġej:

“Sinjuri,

Bi pjaċir nikkonfermalkom li aħna naqblu mal-arranġamenti interim li ġejjin biex niżguraw li jiġi estiż il-Protokoll li huwa fis-seħħ dal-ħin (mis-16 ta' Novembru 2015 sal-15 ta' Novembru 2019), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll”, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, sa ma jitlestew in-negożjati dwar it-tiġidid tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll.

F'dan il-kuntest, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania qablu dwar dan li ġej:

- (1) Mis-16 ta' Novembru 2019 jew minn kull data oħra wara d-data tal-iffirmar ta' dan l-iskambju ta' ittri, l-arranġamenti li kienu japplikaw fl-aħħar sena tal-Protokoll qed jiġu estiżi bl-istess kundizzjonijiet għal perjodu massimu ta' sena.
- (2) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-aċċess tal-bastimenti għall-ilmijiet tal-Mauritania skont l-estensjoni se tkun tikkorrispondi għall-ammont annwali previst fl-Artikolu 2 tal-Protokoll hekk kif emendat mill-Kumitat Konġunt fil-15 u fis-16 ta' Novembru 2016<sup>2</sup>. Dan il-ħlas se jsir f'daqqa sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-applikazzjoni provviżorja ta' dan l-iskambju ta' ittri. Il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3 tal-Protokoll marbutin mal-implementazzjoni u mal-pagamenti tal-appoġġ settorjali sejkun japplikaw *mutatis mutandis*.
- (3) L-appoġġ settorjali marbut ma' dan il-Ftehim ta' estensjoni jammonta għal EUR 4,125 miljun. Il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 10 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd se japprova l-ipprogrammar marbut ma' dan l-ammont skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) tal-Protokoll sa mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan l-iskambju ta' ittri. Il-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3 tal-Protokoll marbutin mal-implementazzjoni u mal-pagamenti tal-appoġġ settorjali sejkun japplikaw *mutatis mutandis*.
- (4) F'każ li n-negożjati biex jiġġeddu l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu jwasslu biex dawn jiġi ffirmati u, b'hekk, biex dawn jidħlu fis-seħħ qabel jiskadi l-perjodu ta' sena stabbilit fil-punt 1 hawn fuq, il-pagamenti tal-kontribuzzjoni finanzjarja msemmijin fil-punti 2 u 3 hawn fuq se jitnaqqas mill-ewwel kontribuzzjoni finanzjarja li tkun dovuta skont il-Protokoll il-ġidid.

<sup>2</sup> Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/451 tal-14 ta' Marzu 2017 (ĠU L 69, 15.3.2017, p. 34).

- (5) Matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' estensjoni, il-liċenzji tas-sajd se jingħataw fil-limiti stabbiliti fil-Protokoll permezz ta' imposti jew ta' ħlasijiet bil-quddiem li se jkunu jikkorrispondu għal dawk stabbiliti fl-Appendiċi 1 tal-Anness 1 tal-Protokoll.
- (6) Dan l-iskambju ta' ittri se japplika b'mod provviżorju mis-16 ta' Novembru 2019 jew minn kull data oħra wara li jiġi ffirmat sa ma jidħol fis-seħħ. Huwa għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin li lestew il-proċeduri meħtieġa għal dak il-għan.”

Nikkonfermalkom li l-kontenut tal-ittra tagħkom huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħi.

L-ittra tagħkom u din l-ittra jikkostitwixxu ftehim skont il-proposta tagħkom.

Dejjem tagħkom,

*Għall-Gvern tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania*